# IL-KXIF TA' L-ARMA FIL-FAĊĊATA TAL-KAŻIN IL-ĠDID



Lejlet il-Festa tas-S.S.ma Trinità s-sena li għaddiet, saret iċ-ċerimonja tal-Kxif ta' l-Arma tas-Soċjetà tagħna fil-prontispizju fl-opramorta tal-bejt tal-Każin il-ġdid tal-Banda.

Din l-arma, biċċa xogħol ta' Joe Spiteri minn Ħal Qormi, kienet mikxufa mill-President Onorarju l-ġdid tas-Soċjetà, is-Sur Louis Carabott, li kien akkompanjat mis-Sinjura Carabott.

Għal din iċ-ċerimonja kienu mistiedna wkoll il-Presidenti Onorarji l-oħra tas-Soċjetà, is-Sur Emanuel J. Refalo, is-Sur Agostino Galea u s-Sur Anthony Farrugia, l-awdituri tas-Soċjetà, is-Sur Spiridione Scerri u s-Sur Charles Turner, is-Sur Joe Spiteri li għamel il-lavur ta' l-arma u l-bennej tal-Każin il-ġdid, is-Sur Frans Sammut.



**Il-President, is-Sur Anton Cassar jagħmel diskors qabel il-kxif ta' l-Arma mis-Sur Louis Carabott. Jidhru wkoll is-Sinjura Carabott u s-Sur Alfred Agius.**